IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur: C. Zammit-Marmarà, M.B.E.

Nru. 73 IS-SIBT L-1 TA' DIĊEMBRU, 1945. Nru. 73

TIKXIF TAL-GĦAĠEB

(C. Zammit-Marmarà, M.B.E.)

IL-PROGRESSI TAX-XJENZA U L-INSETTIĊIDI

SA mill-bidu tad-dinja l-bniedem ipprova dejjem jivvinta ħwejjeġ tal-għaġeb li l-lum jinsabu b'għadd kbir. Iżda hi ħaġa li ma jista' jiċħadha ħadd, li f'dawn l-aħħar snin ix-xjenza qiegħda timxi tant b'ħeffa, illi jkun tabilħaqq ibleh dak li jibqa' lura u ma jimxix magħha f'dan il-progress kbir, l-iżjed fil-fergħa tal-biedja.

Ftit xhur ilu qrajna dwar l-insettiċita "D.D.T.", u konna għadna bilkemm nafu sewwa x'inhi din il-mediċina tal-għaġeb meta dehret oħra iżjed qawwija minnha: il-"Gammexane"**. Dawn iż-żewġ insettiċidi huma tabilħaqq arma ġdida u ta' saħħa kbira biex biha l-bidwi jkun jista' jeqred bosta mill-insetti u mid-dwied fuq il-prodotti tal-biedja li wisq darbi jikkaġunaw telf kbir ta' ħxejjex, ta' frott, ta' flus u ta' żmien!**

L-"AGROXONE" LI JEQRED IL-ĦAXIX ĦAŻIN

Dr. R.E. Slade wieħed mix-xjenzati kbar (li huwa wkoll wieħed mill-għorrief li kixfu l-bomba atomika), issa ħabbar mediċina ġdida għall-qirda tal-ħaxix ħażin li semmieha "Agroxone" **li fiha l-**"Methoxone"**. Dr. Slade huwa Direttur tat-taqsima xjentifika ta' l-I.C.I.**

Din il-mediċina għad ma tinsabx għall-bejgħ, iżda jingħad li ma ddumx ma tkun tista' tinkiseb f'għamla ta' trab u f'għamla wkoll ta' likwidu.

L-aħħar provi ta' din il-mediċina li toqtol bosta mill-ħaxix ħażin għadhom kif intemmu ġewwa l-Ingilterra fejn saru fuq raba' kbir u fuq kull naħa ta' l-Ingilterra.

Ħaġa kbira u sabiħa li hemm f'dan il-"Methoxone"** huwa l-fatt li ma jħalli l-ebda velenu fl-art. Huwa jista' jingħata fuq xi wħud mill-uċuħ, bħalma huwa l-qamħ, f'kull żmien wara li jinżera'. Malli jingħata huwa minnufih iwaqqaf l-avanz tal-ħaxix ħażin li jkun hemm jikber miegħu. Wieħed jista' jara l-effett tiegħu fi tnax-il-siegħa, iżda l-ħaxix ħażin kultant jieħu bosta ġranet sakemm imut. Il-għaġeb tiegħu huwa li filwaqt li joqtol il-ħaxix ħażin li jkun hemm mal-qamħ, lill-qamħ stess ma jagħmillu xejn!**

Tkun tinħtieġ ftit ta' l-attenzjoni meta jkun qiegħed jingħata għaliex jekk it-trab jew il-bexx tiegħu jtir mar-riħ għal xi għalqa oħra qrib fejn ikun hemm tikber xi razza tal-kromb, dan jagħmlilha ħsara kbira wkoll!

F'Lulju li għadda, jiena kelli l-pjaċir nara l-esperimenti li kienu qed isiru fl-Ingilterra b'dan il-"Methoxone"**. L-istudju li qed isir fuqu għad ma waqafx u jidher li għad isiru xi kixfiet iżjed tal-għaġeb dwar din il-mediċina ġdida.**

EFFETT TAL-QIRDA TAL-ĦAXIX ĦAŻIN

Bħalma jistgħu jaraw il-bdiewa, din il-mediċina hija ta' ħtieġa kbira għaliex meta hija teqred il-ħaxix ħażin li jkun jikber ngħidu aħna, mal-qamħ, allura dan ifisser illi d-demel li jkun hemm fl-art jibqa' għall-qamħ biss u ma jittiħedx mill-ħaxix ħażin ukoll! Mingħajr ħaxix ħażin il-prodott jikber iżjed b'saħħtu!

Fl-aħħarnett, u dan huwa iktarx l-iżjed pont importanti, huwa jiffranka ħafna xogħol li jinħtieġ bit-tinqija u għalhekk inaqqas l-ispejjeż **u b'hekk jgħin biex niksbu** l-iżjed ħaġa meħtieġa fil-biedja ta' għada, **jiġifieri li nkabbru l-prodotti bl-inqas spejjeż li nistgħu.**

Skond ma ġie mfisser lili fl-Ingilterra, din il-mediċina hekk meħtieġa fil-kampanja, ma tkunx tiswa wisq. Aħna biex ma nkunux iżjed lura minn pajjiżi oħra, ipprofittajna ruħna mill-mawra tiegħi fl-Ingilterra u għalhekk ħadna ħsieb biex kwantità żgħira minn din il-mediċina tasal f'idejna ma ddumx, biex il-patologu tad-Dipartiment tal-Biedja, Dr. Peralta, ikun jista' jipprova l-effetti tagħha f'artna stess.

GĦELUQ

J'Alla moħħ il-bniedem jibqa' jaħdem għall-ġid ta' kulħadd u biex inaqqas il-gwaj, il-mard, l-insetti u d-dud li l-umanità tinsab imħabbta bihom u b'hekk tiftaħ bieb ġdid ta' ħajja hienja għal min jaħdem l-art u għal min igħix bil-prodotti tagħha.

IL-BIEDJA F'DIĊEMBRU

(Editur tal-Propaganda)

Temp

WARA n-nixfa li kellna għeluq Settembru u għal bidu ta' Ottubru, meta mar-riħ isfel għamlu ġranet hekk sbieħ li kont tisthajlu diehel is-sajf flok ix-xitwa, hekk kif qaleb nofs Novembru, l-ajru nfexx f'ħalbiet ta' xita li biha l-uċuħ tar-raba' taffew l-għatx li kellhom u ħadu r-ruħ. Ix-xita li għamlet it-Tlieta, il-20 ta' Novembru, kienet hekk qawwija fuq l-inħawi ta' San Pawl il-Baħar sa tarf il-Marfa, li ġrat ħafna ħsara, fil-bini, fit-toroq u fil-ħitan tal-egħlieqi. Mn'Alla dil-burraxka xita kienet ta' żmien qasir!

It-temp qaleb għal frisk, iżda l-kesħa għadha ma bdietx tinħass sewwa u lanqas ma tinħass sewwa qabel il-Milied. "Qabel il-Milied u la bard u lanqas ksieħ", igħid il-qawl Malti. Għal dħul Diċembru, il-ġurnata tibda tiqsar ġmielha u dlonk jibdew is-sahrat għad-dawl tal-lampa jew ta' l-imnara f'xi għorof ta' l-irziziet u djar tal-bdiewa. Għal San Tumas, jiġifieri għal 21 ta' Diċembru, "il-ġurnata tibda titwal pass ta' ħmar qammas", igħid ukoll il-Malti, li jfisser illi l-ġurnata tibqa' fejn hi, la titwal u lanqas tiqsar. Minn San Tumas 'il quddiem, il-ġurnata titwal għal filgħaxija, iżda għal filgħodu tibqa' tiqsar sa l-ewwel ġranet ta' Jannar. Wara l-Milied, l-ajru tħossu jiksaħ u jingazza, u tibda wkoll tagħmel xi raxxa silġ irqiq li dlonk toqtollok il-patata u tqagħbarlek is-silla, għalkemm imbagħad tgħin mhux ftit in-nebbiet tal-qamħ, tal-maħlut u tax-xgħir.

Xogħol u Żrigħ

Issa huwa żmien li wieħed jaħseb biex jiżra' l-qamħ, iżda ż-żrigħ tat-tomnija u ta' qamħ ieħor tar-rebbiegħa ma għandekx tiżirgħu qabel egħluq dan ix-xahar. Biex tiżra' l-qamħ m'hemmx bżonn iddemmel; biżżejjed tagħti ftit Sulfat ta' l-Ammonia. Il-qamħ ma jridx art sħuna għax inkella jinfexx fit-tiben u bil-mod jagħmel sbula. Onqox il-ful u l-piżelli, u naqqi s-silla u l-widna. La tonqosx il-ful u l-piżelli fil-miblul.

Jekk wieħed jiżra' l-ful wara l-ewwel ġimgħa tax-xahar, jiġifieri wara l-Kunċizzjoni, aktarx li l-budebbus ma jagħmelx għall-prodott tiegħu, iżda jekk tinzerta rebbiegħa xotta l-ful ma jżiegħedx bl-imżiewed, jekk ma tgħinux xi ftit bl-ilma.

Fil-Ġnien tal-Ħaxix

Ħafna mill-ħaxix tax-xitwa kiber biżżejjed li wieħed jista' jaqilgħu. Il-koltivazzjoni tal-ħaxix tista' fuq kollox issir bħax-xahar ta' qabel. Aq'a' l-artiċokk. Iżra' l-patata tar-rebbiegħa f'post konni għal wiċċ bikri. Għall-aħħar ta' dan ix-xahar, iżra' l-bżar, it-tadam, il-qara' twil, il-brinġiel u l-egħlejjel oħra tas-sajf f'ħammiela mdemmla tajjeb li ma jkunx misjur iżżejjed f'rokna kennija u mxemmxa. Iżra' l-ful u l-piżelli għal prodott imwaħħar. F'dan ix-xahar u d-dieħel jista' jitħawwel il-basal u jinżara' l-basal tal-pikles fi ħmiemel ma' xi ħajt għal kenn. Onqox u demmel il-qaqoċċ għal wiċċ bikri li jkollu frott sabiħ. Ħawwel

(Jissokta fil-faċċata 4)

KURRAT GHAŻ-ŻERRIEGHA

(A Muscat)

Industrja ġdida bis-safar ta' żrieragħ

KIF fissirtilkom f'artikoli ta' qabel, il-Fergħa taż-Żerriegħa tad-Dipartimnt tal-Biedja, qiegħda tagħmel ħiltha kollha biex twaqqaf f'dawn il-gżejjer, industrja ġdida li għad tista' tkun ta' ġid kbir għall-pajjiżna: safar ta' żrieragħ ta' ħxejjex u fjuri għal ħafna postijiet li dari kienu jinqdew minn pajjiżi oħra. Il-ħidma tad-Dipartiment jidher li qiegħda tirnexxi, il-għaliex f'qasir żmien, minbarra illi qegħdin jtrabbew għadd ta' ħxojjex u fjuri għaż-żrieragħ fir-raba' li baqgħalna l-Marsa u fil-Qasam tal-Għammieri, madwar 200 bidwi iffirmaw kuntratti biex jikkultivaw ir-raba' tagħhom b'dawk il-ħxejjex u fjuri li għad jagħtuna ż-żerriegħa.

Iżda billi din hija industrja ġdida u l-bdiewa tagħna ma kienu qatt imrawma fiha, jiħtieġ joqogħdu bir-reqqa għat-tagħrif li jingħatalhom mill-Fergħa li għandha t-treġija ta' l-iżvilupp ta' din l-industrja. Meta l-bidwi tagħna jagħmel dak li jiġih f'moħħu f'din il-ħaġa għalih ġdida jista' jitlef il-frott ta' dak li jkun sejjer jikseb.

Għaliex iż-żerriegħa tal-Kurrat falliet

Minħabba dan li għedna, xi bdiewa gergru illi ż żerriegħa tal-kurrat li ġiet mogħtja lilhom, falliet. Ir-raġuni li ġara dan hija dik li dawn il-bdiewa ma qagħdux għal-istruzzjonijiet li tajnielhom, u żergħu l-kurrat wara ħafna granet li konna irrikkmandajnielhom aħna. Dawk il-bdiewa li mxew skond ir-rikkmandazzjoni tagħna rnexxew f'kollox.

Il-kurrat m'għandux jinżora' matul dawk ix-xhur tassena li fihom tagħmel ħafna sħana jew ħafna ksieħ. L-aħjar żmien għaż-żrigħ tal-kurrat huma jew għal ħabta ta' nofs Marzu jew wara ftit li jkun beda Settembru. Il-kurrat hija pjanta illi żżomm għal sentejn sħaħ fil-ħdura tagħha. Dawk li jiżirgħu għas-suq tal-pajjiż jistgħu jagħmlu dan sew matul Marzu kif ukoll matul Settembru, iżda l-parir tiegħi bħala uffiċjal li għandi x'naqsam mal-Fergħa taż-Żrieragħ, nirrikkmanda lill-bdiewa li jixtiequ jikkultivaw il-kurrat għaż-żerriegħa sabiex jiżirgħu matul Marzu jew fil-bidu ta' April għar-raġuni li sejjer ingħidilkom.

Kif tirnexxi fil-Koltivazzjoni ta' Kurrat għaż-żerriegħa

Biex wieħed jieħu annata tajba ta' żerriegħa tal-kurrat, il-bidwi jrid jistenna sentejn. Ma' l-ewwel sena madwar ħamsin jew iżjed fil-mija tal-kurrat, ma jbannanx u dawk ix-xtieli li jagħmlu l-bonn ma' l-ewwel sena jagħmluh żgħir ħafna u għalhekk iż-żerriegħa li tittieħed minnu tkun ħafifa u ma tifdix kif għandha tifdi.

Il-ħmiemel li jkunu nżergħu f'Marzu l-aħjar li jitħallew iħaxxnu x-xitel sewwa fl-istess ħammiela u malli jasal Ottubru dawn għandhom jinqalgħu biex jitħawlu f'posthom sabiex malli jasal iż-żmien li jbannan, ix-xitel jilħaq jissaħħaħ u jagħmel bonn kbir mimli b'żerriegħa sabiħa. Il-pjanta tal-kurrat tagħmel il-basla jew ras l-istess bħalma jagħmel it-tewm u dan il-basal jew ir-rjus jistgħu jeġġhu jitħawlu sew għall-aħdar kif ukoll biex jerġgħu jagħtu ż-żerriegħa. Il-bdiewa li ħadu l-parir tiegħi ssibilhom kurrat il-ġmiel tiegħu fl-egħlieqi tagħhom fil-waqt illi l-bdiewa l-oħra li ma semgħux minna tilfu x-xogħol ħtija ta' l-ebusija ta' rashom.

Il-pjanta tal-kurrat tibża' ħafna mis-sħana tax-xemx l-istess bħalma jibżgħu ħafna żrieragħ u ħxejjex oħra, għalhekk dawk il-ftit bdiewa illi żergħu tard u laħqet il-qilla tax-xemx bdiet tagħmel tagħha, ma setgħux joħorġu kuntenti b'dak li għamlu. Dawn il-ftit bdiewa ħasbu li aħna tajniehom żerriegħa qadima, iżda dawn huma kollha ħrejjef; il-ħtija li ż-żerriegħa ma nibtitx kienet dik li fissirt aktar 'il fuq. Iż-żerriegħa li tajna lill-bdiewa l-oħra kienet mill-istess li tajna lilhom.

Iż-żerriegħa tad-Djar ta' Barra hia mill-aħjar

Il-bidwi għandu jifhem illi ż-żerriegħa li aħna nqassmu hija ta' l-aħjar kwalità mibgħuta mill-aqwa Djar li jinnegozjaw fiż-żrieragħ, ippakkjata sewwa fi xkejjer żgħar għal tapposta u mhux f'boroż tal-karta kif xi ħadd ħaseb. Id-djar li jibagħtu din iż-żerriegħa jkunu ikkuntrattaw biex nieħdu ż-żerriegħa li tinkiseb mill-wiċċ li jikber minn dik li huma jibagħtu u għalhekk wieħed jifhem illi huwa fl-akbar interess ta' l-istess neguzjanti li ż-żerriegħa li jibagħtulna tkun mill-aħjar. Jiġi minna, issa, li aħna naħdmu bis-sengħa skond l-istruzzjonijiet li jkollna biex inkunu nistgħu nibagħtu barra żerriegħa li tieħu fama tajba u li tibda tkun imfittxa aktar miż-żrieragħ ta' pajjiżi oħra.

It-talba ta' żerriegħa tagħna minn Djar t'a Barra

Kif il-bidwi tagħna jiġġieled u jiġġennen biex jikseb żerriegħa tal-patata ta' l-Ingilterra, għaliex jaf li din hija tajba u tfendilu, hekk barra minn Malta jibdew jippikaw bejniethom biex jiksbu miż-żrieragħ li aħna nibagħtulhom kemm-il-darba jkollna l ħila nippruvaw li aħna rabbejna u rawwimna żerriegħa ta' l-aħjar kwalità u li ma tkun inqas f'xejn minn ta' dawk il-pajjiżi l-oħra li bħalna qegħdin jitħabtu biex idaħħlu din l-industrja ġdida li tħalli qligħ kbir ta' flus.

IL-FARFETT TAL-KROMB

(Ger. J. Peralta)

Il-Ħsara tal-Farfett tal-Kromb

IL-FARFETT tal-kromb huwa l-aktar wieħed li jagħmel ħsara fil-biedja għaliex ibejjet taħt il-weraq u fi ftit żmien ifaqqas għadd kbir ta' dud żgħir, li kulħadd illum jagħraf tajjeb. Dan id-dud jibda jiekol b'ħeffa kbira l-weraq sakemm jikber sewwa u jsir fosdqa. Billi l-għadd tad-dud li jfaqqas mill-bajd huwa kbir u billi dan id-dud idum jiekol minn fuq il-kromb minn 10 sa 15-il ġurnata, il-ħsara li jagħmel lix-xitel tal-kromb hija kbira tassew

Mezzi Kontra l-Farfett

Biex trażżan dan id-dud trid tieħu passi mill-bidu. L-ewwelnett għandek toqgħod attent li kemm jista' jkun tifli l-kromb għallinqas darba kull jum u tgħaffeġ il-bajd tad-dud b'idejk. Dan, ma għandniex xi ngħidu, huwa l-aħjar rimedju kontra dan il-farfett, imma dan ix-xogħol huwa ta' skomdu kbir u jinħtieġ sabar kbir u ħafna nies, biex wieħed jagħmlu. Għaldaqshekk ma' dan ir-rimedju ta'tgħaffiġ l-aħjar ikun li jintuża xi bexx ukoll biex dejjem titnaqqas il-ħsara li jwettaq dan il-farfett.

Sistema ta' Bexx Kontra l-Farfett

Id-Dipartiment tal-Biedja jinqeda b'żewġ sistemi ta' bexx; wieħed meta x-xitla tkun għadha kemm nibtet, jġifieri meta l-ewwel weraq tal-pjanta jista' jerga' jbiddel u l-ieħor meta x-xitla tkun diġà mlaħħqa u ma tistax tbiddel il-weraq. Ngħidu mill-ewwel illi l bexx fuq ix-xitel żgħir huwa aktar effettiv milli meta l-bexx isir fuq ix-xitla li tkun diġà mlaħħqa. Għalhekk jekk wieħed ikun irid ibixx, għandu jbixx meta x-xitla tkun għadha kemm nibtet u mhux wara. Is-sustanzi li nużaw f'dan il-bexx huma ftit u xejn velenużi u biex ma tinqala' l-ebda ħsara serja, aħna għandna regula preċiża kif inħalltu din il-mistura. Minħabba f'hekk lil kull min jitlobna, aħna nibagħtu nies tagħna stess ħalli jbixxu huma, il-għaliex l-inqas żball jista' joħloq ħafna inkwiet.

Meta x-xitla tkun diġà mlaħħqa, aħna qegħdin nużaw bexx biex intaffu l-ħsara ta' dan id-dud. F'dan iż-żmien, id-dudu jkun laħaq kiber u ħxien ġmielu u għalhekk ilqoxra tiegħu tkun ibbieset xi ftit u l-bexx ma jagħmilx effett daqs meta jkun għadu żgħir. B'danakollu aħna nirrikkmandaw li wkoll meta x-xitla tkun kibret isir il-bexx il-għaliex ġid jagħmel dejjem. Għal dan il-bexx aħna nużaw in-Nikotina; nużaw ukoll il-Piretru, imma fosthom ittnejn, in-Nikotina hija wisq aħjar. Id-doża tan-Nkotina hija daqs mgħarfa ma' gallun ilma. Ħallat minnufih, imbagħad bixx fil-għodu. Oqgħod attent li tolqot il-werqa minn taħt iktar milli minn fuq. Bixx bis-saħħa biex ittajjar id-dud minn fuq il-weraq bil-pressjoni ta' l-istess taħlita. Jekk il-bexx ikun magħmul bis-sengħa u kif għedna hawn fuq, dan il-bexx għandu jagħti riżultati tajba.

Id-D.D.T.

Bħsiebna wkoll nużaw, malli jkollna kwantitajiet biżżejjed, doża ta' mediċina ġdida li jisimha D.D.T. Din ġejja għall-ħabta ta' Mejju li ġej. Jekk din tirnexxi biħsiebna nkabbru l-użu tagħha ma' Malta kollha u naqdu biha lil kull min jibgħat jitlobna biex inbixxulu x-xitel tal-kromb.

IL-ĦAMIEM TAT-TIĠRIJA

(V. R. Rizzo)

L-għala l-Ħamiem jerġa' lura lejn daru

DAWN il-ġranet qrajt artiklu wisq interessanti li jismu: "X'inhi r-raġuni li l-Ħamiem dejjem jerġa' lura f'postu", u dan l-artiklu tant għoġobni li xtaqt infissirulkom mill-aħjar li nista'.

Ingħataw bosta raġunijiet fl-imgħoddi l-għala l-ħamiem dejjem jerġa' lura lejn daru. Waħda minn dawn ir-raġunijiet li qabdet art ħafna fl-imħuħ tan-nies, kienet li l-ħamiem jingibed lejn postu b'xi forza ta' manjetiżmu jew ta' radju. Iżda din ir-raġuni, dan l-aħħar, kienet waqgħet għalkollox il-għaliex xi ħamiem tas-servizz li ntelaq minn ħdejn stazzjonijiet ta' trasmissijoni tar-radju l-iżjed qawwija, ma kellhom ebda effett fuq it-tajran tagħhom. Kien hemm ukoll xi ħamiem li ġew mitluqin minn xi "bombers" ta' l-"Air Force" waqt li kienu qed jinbagħtu mijiet ta' messaġġi bir-radju l-iżied qawwi mill-ajruplani kif ukoll mill-ajrudromi u dan il-ħamiem ma ġie mfixkel xejn.

Ix-xkiel fit-Tajran tal-Ħamiem tat-Tiġrija

Dak li jista' jtellef ħamiema fir-rotta tat-trieq lejn darha, mhix ħlief il-għeja qawwija u xi maltemp kbir kif ukoll xi ċpar aktar iswed—ħaġa li f'Malta ma nafux xi tkun. Staħriġ li sar minn nies xjenzjati juri li l-aqwa żewġ ħwejjeġ li jgħinu l-ħamiem ta' l-ittri u tat-tiġrija huma l-vista ta' għajnejhom u l-memorja: jiġifieri s-setgħa li jibqgħu jiftakru fl-imgħoddi. Sabu wkoll illi f'tajran fit-tul, il-ħamiem kemm jista jtir max-xtajta; iżda dan mhux għax l-art tgħinu, imma l-għaliex l-agħsafar kollha għandhom ftit jew wisq biża' mil-baħar. Il-ħamiem jiskansa wkoll kemm jista' jkun il-muntanji għoljin. Kienu l-muntanji ta' l-Alpi illi ftit snin qabel il-gwerra sfrattaw b'ħafna telf ta' ħamiem, it-tiġrija ta' 1,000 mil li saret mill-Ingilterra għal Ruma. Nafu wkoll illi l-ħamiem tat-tiġrija fl-Amerika u fl-Awstralja jtir bla tbatija distanzi twal wisq iżjed mill-ħamiem ta' l-Ingilterra għaliex f'dawk il-pajjiżi hemm korsijiet tat-tiġrija ta' elf mil u iżjed mingħajr ma tiltaqa' la ma' muntanji u lanqas ma' baħar. Il-ħamiem tat-tiġrija mitluq mill-Ingilterra għall-Iskozja dejjem jiskansa l-muntanji ta' l-Iskozja u għalhekk itir max-xtajta; fil-waqt li l-ħamiem mitluq minn Spanja għall-Ingilterra jtir max-xtajta ta' Franza biex jaqsam il-Kanal Ingliż minn-naħa ta' fejn hu l-idjaq, jiġifieri quddiem Dover.

X'inhu li jiġbed il-Ħamiem lejn daru

Madankollu, kien hemm ħamiem li ġie mitluq minn fuq il-vapuri u li qasam sittin mil ta' baħar u iżjed ukoll biex reġa' tar lejn il-bejta tiegħu fuq l-art. Dan, meta jista', itir kontra r-riħ u mhux favur. Mhux darba jew tnejn li xi ħamiema li tkun qiegħda ttellaq fit-tiġrijiet il-kbar tpoġġi fl-art imħabba li tkun għejiet. Iżda dawn il-ħamiem dejjem komplew it-triq lejn darhom wara li kielu, xorbu u strieħu sewwa. Ħaġa oħra li tiġbed il-ħamiem lejn daru hija d-dritt li huwa għandu għall-gallinar u saħansitra l-kaxxa li jbejjet fiha. Ħamiem li ġie mifrud għal xhur twal mill-post fejn kien ibejjet, wara li irritorna għand sidu l-antik, reġa' ġġieled b'ħiltu kollha u rebaħ il-kaxxa li kien ibejjet fiha fl-imgħoddi, għalkemm f'din il-kaxxa kien hemm par ħamiem ieħor. Id-dar, il-gallinar, il-ġnien, il-bitħa, is-siġar u kulma l-ħamiem ikollu madwaru jħallu bħala ritratt f'moħħ il-ħamiem li ma jitħassar qatt. Imbagħad hemm ukoll in-namra u x-xewqa li jkollha l-ħamiema li terġa' tingħaqad ma' seħbitha jew ma' bajd jew bċieċen li tkun ħalliet warajha.

Kif il-Ħamiem tat-Tiġrija jaqsam distanzi kbar.

Hemm xi dilettanti, barra minn Malta, li biex iżidu l-qawwa tat-tajran tal-ħamiem tagħhom, jtuhom pilloli tal-ferru jew piżelli mxarrba bil-whisky, bil-birra jew bix-sherry. Iżda għall-ħamiema mħarrġa u mrawma tajjeb m'hemm bżonn ta' xejn minn dana kollu. Ħamiema mrawma sewwa, terġa' lura lejn darha bin-nhar jew bil-lejl, f'temp sabiħ jew f'temp ħażin u saħansitra ippruvaw barra minn Malta li ħamiem tat-tiġrija kapaċi jsib daru wkoll wara li l-post ikun ġie ikkamuflaġġjat, jiġifieri mbiddel għal kollox biex ma jingħarafx, kif jagħmlu biż-żebgħa lil frejgati u fuq fortizzi. Isimgħu issa dawn iż-żewġ stejjer u għiduli jekk qattx kontu temmnu x'tista' tagħmel ħamiema. F'Novembru ta' l-1943, dilettant tal-ħamiem, fl-Amerika, bigħ xi ħamiem ta' l-ittri lill-Armata Amerikana u dawn ħaduhom fl-Ingilterra. Seba' xhur wara, waħda minn dawn il-ħamimiet, ħarbet u taret lura lejn l-Amerika, għal għand sidha—tul ta' 1,125 mil. Fl-1927, ħamiema li kienet ħarbet darbtejn minn Franza għal għand sidha f'Manchester, l-Ingilterra, intilfet; iżda fil-Milied tal-1932 sidha tela' fuq il-bejt u sab il-ħamiema qed tiġġieled ma' l-oħrajn għall-kaxxa li kienet tbejjet fiha ħames snin qabel.

M'hemmx bżonn ngħidilkom, li din il-ħamiema ma dametx ħames snin, biex ittir it-300 mil, li kien hemm mill-belt ta' Franza għall-Manchester. Din il-ħamiema kienet inqabdet minn bniedem ta' bla kuxjenza u ma rnexxilhiex taħrab qabel ħames snin.

Taħriġ ta' Ħamiem tat-Tiġrija

Il-ħamiem għandu jiġi mħarreġ għat-tiġrija bil-ftit il-ftit: jiġifieri li t-tul tal-kors għandu jiġi miżjud bil-mod il-mod. Dana huwa meħtieġ biss, biex kemm jista' jkun, wieħed ma jitlifx ħamiem għax, kif ġa għedtilkom, is-sens li jirritorna lejn daru, tal-ħamiem tar-razza tat-tiġrija u ta' l-ittri, jitwieled miegħu, kif ġie ippruvat b'dan li sejjer ngħidilkom. Beċċun ta' xahrejn li qatt ma kien tbiegħed iżjed minn ftit jardi mill-post ta' sidu, ġie mibjugħ lil wieħed ieħor li kien joqgħod 50 mil 'il bogħod. Dan il-beċċun irnexxielu jaħrab u reġa' mar għand sidu. Beċċun ieħor, tar 400 mil minn Preston fl-Ingilterra, għal Rennes fi Franza, meta kellu erba' xhur u tliet ġimgħat; u beċċun ieħor tar 548 mil minn Marennes fi Franza għal Preston, fl-Ingilterra, meta kellu ħames xhur u tliet ġimgħat.

Ma għandniex xi ngħidu, l-annimali, bħan-nies, ivarjaw fl-intelliġenza u dak li jagħmel wieħed ma jistax jagħmlu l-ieħor. Id-dilettanti tal-ħamiem, barra minn Malta, kollha jkollhom xi telf waqt it-taħriġ tal-ħamiem tagħhom li ma jkunx ikkaġunat mill-maltemp, iżda min-nuqqas ta' sens u intelliġenza fil-ħamiem tagħhom. Għaldaqshekk jaqbel li, flok li tintelaq ħamiema weħidha, jintelqu ħafna minn ġo basket wieħed, biex, dawk l-inqas kapaċi, jitmexxew mill-iżjed għorrief. Għalkemm dan li għedna juri li bċieċen tajba kapaċi jtiru fit tul, ma għandniex xi ngħidu illi l-aħjar li ttellaq huma ħamiem mis-sena 'l fuq, billi s-sens u l-intelliġenza jikbru maż-żmien. Għad iridu jsiru sperimenti u studju biex insiru nafu kif l-agħsafar u l-ħamiem jirnexxilhom isibu t-trieq fuq distanzi twal ħafna, li qatt ma kienu qasmuhom qabel, fejn il-vista ta' għajnejhom u l-memorja ta' moħħom ma jkunulhom ta' ebda għajnuna.

Dilettanti li bdew jinteressaw ruħhom fit-Taħriġ tal-Ħamiem għal ġiri

Hawn Malta, id-delizzju tat-torbija tal-ħamiem huwa kbir. Għandna tabilħaqq ħafna dilettanti li malli semgħu bil-ħsieb li jsiru tiġrijiet tal-ħamiem, bdew jistaqsu x'hemm bżonn isir u saħansitra wkoll wieħed mill-Imseħbin tagħna, is-Sur Pawlu Arpa, ta' Nu. 38, Trieq Santa Liena, Tas-Sliema, beda diġà jħarreġ minn dan il-ħamiem b'ħeġġa kbira. Xi ftit ġimgħat ilu, huwa telaq disa' ħamimiet minn ħdejn Kordin u, kollha kemm huma waslu Tas-Sliema, u 'l għada, fil-għodu reġa' telaqhom mill-Għammieri, il-Marsa, u, għalkemm kienet xita rqiqa, huma ġibdu dritt għal darhom. F'dawn id-darbtejn, ma nżammx il-ħin tat-tiġrija, iżda biħsiebni nara kif nagħmel biex nibdew inqisu t-tul li l-ħamiem ta' l-Imseħbin tal-Għaqda tagħna jkunu taru u kemm jieħdu ħin fit-titjira. 'Il quddiem jiena nagħtikom dawn il-ħinijiet biex il-Membri kollha tal-Għaqda jkunu jistgħu jipparagunaw il-ħeffa fil-mixi tal-ħamiem tagħhom ma' ta' dawk li nsemmilkom 'il quddiem.

Qabel ma nagħlaq dan l-artiklu, nixtieq inħeġġeġ lil kulħadd biex jissieħeb fl-Għaqda tat-Tjur u Fniek billi jiktbilì jew iċempilli No. 6, Howard Street, Sliema (Telefon Nru. 634) u b'mod speċjali nixtieq inħajjar lil min għandu n-namra tal-ħamiem li jidħol fil-Fergħa tat-Tiġrijiet tal-ħamiem li għadha kif waqqfet din il-Għaqda.

KIF U MNEJN TNISSLET IL-PJANTA TAT-TADAM

(J. Orlando Smith)

IN-NISEL TAT-TADAM

IT-TADAM, l-istess bħalma kien ġara fil-pjanta tal-patata, tnissel fl-Ewropa wara li kien ilu ħafna magħruf fl-Amerika mir-razez li kienu jgħixu f'dak il-pajjiż. Mhux magħruf sewwa meta nġiebet l-ewwel pjanta tat-tadam fl-Ewropa, iżda dan aktarx li ġara fiż-żmien illi l-Ispanjoli taħt Pizarro kienu qegħdin jaħbtu għall-Imperu ta' l-Inka ma' tul is-sena 1533.

Ma għandniex xi ngħidu, kienet Spanja l-ewwel nazzjon li żergħet minn dawn il-pjanti, li wħud mis-suldati tagħha kienu ġiebu magħhom mill-Perù. Wara ftit żmien, l-istess pjanta daħlet fl-Italja, fejn in-nies bdew isejħulha Tuffieħ tal-Perù. Sew l-Ispanjoli u kemm it-Taljani malajr intebħu bil-valur ta' din il-frotta u bdew jużawha bħala ikel l-aktar meħtieġ .L-Ingliżi ma ntebħux mill-ewwel bil-valur ta' dan l-ikel sakemm fl-Ingilterra kienu waslu xi rifuġjati Lhud u bdew jieklu t-tadam nej jew misjur bħalma kienu jagħmlu l-Ispanjoli u t-Taljani. Minn dak iż-żmien it-tadam kiseb l-aqwa importanza fil-pajjiżi kollha u l-erba' kwalitajiet li kienu magħrufa bdew jitħawlu u jkunu ikkurati b'ħeġġa u ħerqa kbira.

IL-KOLTIVAZZJONI EWLENIJA TAT-TADAM

Xi razez tat-tadam li qegħdin nikkultivaw bħalissa, fl-Amerika kienu jikbru bħala pjanti selvaġġi, iżda l-koltivazzjoni tat-tadam mill-Indjani Amerikani kienet il quddiem ħafna, l-istess ħaġa kif kienet il quddiem il-koltivazzjoni ta' għadd kbir ta' pjanti meħtieġa oħra li wara daħlu fl-Ewropa, bħalma huma l-patata, il-qamħ-ir-rum, il-fażola, il-kokaina, id-Dalja u ħafna pjanti oħra. L-Indjani ta' l-Amerika jidher li kienu 'l quddiem ħafna f'dik li hija koltivazzjoni ta' l-art żmien qabel ma rifsu l-Ewropej fuq dik id-dinja ġdida.

VARJETAJIET TAT-TADAM

Il-varjetajiet li daħlu fl-Ewropa ma humiex ħlief parti żgħira mill-għadd kbir ta' varjetajiet li kienu jikbru fl-Amerika qabel ma rifsu fuqha l-Ewropej. Sa dawn iż-żminijiet stess għadhom qegħdin imorru xjenzjati jistħarrġu l-pjanti ta' tadam u pjanti oħra li jikbru fl-Amerika sabiex jinkiseb tagħrif aħjar dwar l-aħjar mezzi li jistgħu jintużaw biex jissaħħu l-pjanti li huma mnissla minn dak il Kontinent u li bħalissa qegħdin jiġu ikkultivati fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tad-dinja. Ix-xjenzjati jaħsbu li bi studju tal-pjanti fuq il-post stess li fih bdew jitnisslu, għad jinnexxilhom jiksbu tagħlim meħtieġ biex ikabbru r-reżistenza kontra l-mard fuq ħafna pjanti u ħxejjex magħrufa.

Iċ-ċentru ewlieni tal-biedja fid-dinja l-ġdida kien jinfirex l-aktar fuq żewġ postijiet. Wieħed minn dawn il-postijiet kien jagħti mill-Messiku għar-Repubblika ta' San Salvador u l-post l-ieħor kien jagħti mill-Ekwador għaċ-Ċili. Il-fertilità ta' l-art f'dawn l-inħawi kienet il-kaġun li għenet ħafna sabiex titkabbar iċ-ċivilizazzjoni ta' l-Indjani Amerikani. Għad hemm postijiet li fihom it-tadam għadu sal-lum jikber waħdu, bħalma jikbru l-pjanti selvaġġi.

Il-varjetà ta' tadam l-aktar komuni li tikber weħidha tagħmel frotta mhux aktar kbira minn ċirasa, u l-għasafar ta' l-inħawi jgħaddu ġmielhom minn fuq din il-kwalità ta' tadam billi jibilgħu sħiħ mingħajr xejn tbatija. Fost il-varjetajiet ta' dan it-tadam li jikber waħdu hemm minnu li jibqa' b'kulur abjad għalkollox u ieħor li jiħdar u jibqa' aħdar. Jista' jkun li l-Indjani Amerikani kienu użaw iż-żerriegħa ta' din ir-razza meta bdew il-koltivazzjoni tat-tadam li aħna nieklu l-lum, u bil-għaqal tagħhom huma rnexxielhom jaslu sabiex itejbu r-razza tat-tadam bħal dik li aħna nafu u li nkixfet mill-Ispanjoli meta kixfu dak il-Kontinent.

TIXRID TAL-KOLTIVAZZJONI TAT-TADAM

It-tadam il-lum hija waħda minn dawk il-pjanti l-aktar komuni li qiegħda tiġi ikkultivata fil-pajjiżi kollha. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, ix-xjenza aktar qiegħda ssib irkaptu biex tkabbar il-miżirgħa ta' din il-pjanta, u fuq artijiet li sa ftit żmien ilu qatt ma kien jinħaseb li dan jista' jsir. It-tagħrif li kiseb is-Sur Karm Zammit Marmarà fuq din il-ħaġa, matul iż-żjara tiegħu fl-Ingilterra, juri x'tista' tikseb ix-xjenza bl-istaħriġ u tfittxija tagħha. F'dan id-daqsxejn ta' artiklu, wieħed ma jistax joqgħod isemmi l-ħtiġijiet kollha li għalihom qiegħda sservi l-lum din il-frotta prezzjuża. Barra mill-industriji kbar li nħolqu mill-użu tat-tadam, il-bniedem sab li b'din il-frotta, seta' jtejjeb ħafna u jħawwar aħjar l-ikel tiegħu filwaqt li l-valur għas-saħħa ta' din il-frotta huwa bla qies għaliex fil-meraq u l-laħam tagħha jinstabu sustanzi li ftit jinstabu bħalhom f'ikel ieħor li jikkonsma l-bniedem.

IL-BIEDJA F'DIĊEMBRU

(Jissokta mill-faċċata 1)

il-ħass tax-xitwa u iżra' l-ħass tar-rebbiegħa li jilħaq għal April u Mejju. F'dan ix-xahar u d-dieħel tista' tħawwel u ddemmel il-frawli.

Issa ma jdumx ma jidher il-farfett abjad fuq il-kaboċċi, il-pastard u l-ġdur. Ħabrek kemm tista' biex taqbad u toqtol minn dawn il-friefet u l-iktar l-egħnieqed tal-bajd tal-farfett li ssibhom taħt il-weraq.

Fil-Ġnien tas-Siġar

Fix-xahar tal-Milied tista' tinbeda ż-żabra tad-dwieli, tat-tin u tas-siġar tal-frott li jinżgħu mill-weraq. Jitħawwel iż-żarġun u l-bċejjeċ tad-dwieli, tat-tin, tat-tut, tar-rummien, tat-tuffieħ, tal-prajn u ta' l-isfarġel. Jista' jitħawwel u jitlaqqam il-lewż bil-brokka, il-ħawħ, in-nuċiprisk, il-berquq, il-pruna, l-għajnbaqar, il-prajn, iċ-ċawsri, il-kaki, il-pumakannella, it-tuffieħ, il-lanġas u l-isfarġel.

Is-siġar kollha tal-frott jistgħu jitħawlu bla tuba, iżda meta tħawwel għandek tgħaddas iz-zokk l-għoli ta' fond bħalma kien qabel, il-friegħi għandhom jitqaċċtu skond id-daqs li jkun xieraq, u tħalli biss dawk iz-zkuk li jkunu sħaħ, iżda l-egħruq għandek tibża' għalihom. L-egħruq għandek tifrixhom xorta waħda f'ħofra ta' kobor biżżejjed bla ma tiffullahom u l-ħamrija tagħfasha tajjeb 'l isfel. Kull siġra tagħtiha d-demel, iżda dan ma għandux imiss mal-egħruq.

Minn nofs Diċembru sa Frar wieħed jista' jikkura xi mard tas-siġar tal-frott billi jbajjadhom jew ibixxhom bil-mistura burduliża għal tliet darbiet minn isfel għal fuq, bħalma huma s-siġar tal-ħawħ, nuċiprisk, pruna u tuffieħ li mardu bil-berghud, kif ukoll it-tin, iċ-ċawsri u t-tut li jkun marad bil-miskta tat-tin u bil-miskta bajda.

Il-laring beda jħammar gmielu, iżda ma jsirx qabel il-Milied. Il-laring it-twil tad-demm ma jkunx f'togħmtu sewwa qabel Frar.

IN-NUĦĦALA IKKONTROLLATA MILL-ĠDID:— F'Gunju li għadda n-nuħħala kienet tneħħiet minn taħt il-kontroll billi kien hawn provvista kbira biżżejjed biex tlaħħaq mad-domanda. Dan l-aħħar, madankollu, id-domanda għan-nuħħala baqgħet tikber dejjem aktar u għalhekk inħasset il-ħtieġa li n-nuħħala terġa' tiġi ikkontrollata. Minn nhar il-Ħamis, l-15 tax-xahar li ħareġ, ħadd ma jkun jista' jbigħ, jixtri, jiddisponi jew jikseb nuħħala mingħajr il-permess tad-Direttur tal-Biedja, skond l-Ordni Nru. 166 tad-Direttur tal-Biedja li ġġib id-data tas-16 ta' Awissu, 1944.

NUĦĦALA GĦALL-BAQAR: Fuq dak li kien hemm imsemmi fl-avviż li kien ħareġ mid-Dipartiment tal-Biedja dwar ir-razzjon tal-ġwież għaż-żmien ta' bejn il-15 ta' Novembru 1945 u l-14 ta' Jannar, 1946, ngħarrfu lil dawk kollha li għandhom il-baqar illi sa jingħata razzjon barrani ta' 150 ratal nuħħala għal kull bhima ta' l-ifrat, bil-kupun lewn is-salamun li jista' jittieħed mill-Uffiċċju Distrettwali tar-Razzjon.

IL-ĠLATA TAL-PATATA. Inwissu lill-bdiewa kollha sabiex ma jittraskurawx li jbixxu bil-Kupru l-uċuħ tal-patata billi wieħed jilqa' mill-ewwel il-ħsara li tista' tiġi bil-ġlata, billi dis-sena l-prodott huwa mwaħħar.